# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.2

**Kap 5: Il-ħbieb tagħna!**

**Lezzjoni 5.2: Il-lealtà u l-onestà fil-ħbiberija**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jifhmu kif għandha tkun l-imġiba ma' dawk ta' madwarna.
2. Jirrealizzaw bl-importanza tal-**lealtà f'kull relazzjoni.**



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

-Il-Bibbja: Matt.18,23-35 - Il-qaddej li ma riedx jaħfer.

- Link: You've got a friend in me.

http://www.youtube.com/watch?v=6iWrIfEgFlQ



- Karta ta' taħriġ 5.2.

- Karta Addizzjonali.

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Staqsi lill-istudenti: "Għandek xi ħabib li miegħu tħossok komdu li tista' titkellem miegħu u tiftaħ qalbek? Għaliex tiftaħ qalbek miegħu u mhux ma' ħaddieħor?"





**Nisimgħu flimkien (Il-Pjan tal-lezzjoni)**

- Spjega li ħbiberija ta' vera mingħajr lealtà ma tistax teżisti. Meta m'hemmx lealtà bejn il-ħbieb jiġri li l-ħbiberija ta' bejniethom ħa ssofri u tmur lura. Il-lealtà hi l-valur li żżomm il-ħbiberija magħquda.

- Fakkar li ħabib tajjeb hu dak li jibqa' miegħek fil-mumenti ħżiena meta ħbieb oħra tal-isem iwarrbuk u jitilquk waħdek. Trid tiftakar li biex ikollok ħabib tajjeb, onest u leali, anke int irid ikollok dawn il-kwalitajiet. Ħabib leali hu lest li jipproteġik minn sitwazzjonijiet li lilek jistgħu iweġġgħuk. Jagħmel minn kollox biex lilek ma jittradikx. Fakkar li fil-Bibbja nsibu: 'Hemm ħbieb tal-isem biss, ħabib tassew jintrabat miegħek aktar minn ħuk' (Prov.18:24).

- Fakkar fil-Parabbola li Ġesù qal dwar il-qaddej li ma riedx jaħfer u fissirha (tista' turi l-klipp mogħtija).

- Spjega kif Ġesù kien leali lejn l-appostli avolja kien jaf li huma bnedmin dgħajfa. Kien leali lejn in-nies li kienu fil-bżonn bħalma kienu l-foqra anke jekk kien jaf li hemm il-Fariżej u ħa jmaqdruh. Kien leali lejn Missieru minħabba li kompla l-missjoni tiegħu sabiex isalvana mid-dnub permezz tal-mewt fuq is-salib.
- Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.2. Aqra s-silta mogħtija Matt. 18,23-35 jew ipproġetta din is-silta u spjegaha ftit.
- Aqsam il-klassi fi gruppi u ħalliehom jaħdmu Attività A u B.

Risposti: 1) mhux vera, 2) qaddej, 3) ma riedx iħenn, 4) għall-qaddej, 5) jaħfer ukoll.

a) Ma kienx kapaċi jħenn meta ħennew għalih.

b) Il-qaddej innifsu għax spiċċa jkollu jħallas kulma kellu jagħti.

Attività B: a) jgħallem, b) jaħfrilna, jiddispjaċina, leali onesti

- Spiċċa l-lezzjoni billi ssemma s-song *You've got a friend in me.*
- Tista' wkoll tagħti l-Karta Addizzjonali mogħtija biex l-istudenti jagħrfu aktar fejn qegħdin b'mod individwali fejn tidħol ħbiberija.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù jridna li meta naħfru, naħfru bil-qalb.
2. Hu dejjem lest li jaħfrilna meta nuru li ddispjaċiena.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



Aħna nagħżlu li nkunu aktar leali lejn il-familja u l-ħbieb li huma onesti bħalma Ġesà kien lejn il-foqra u lejn Missieru.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD etc.**



Youtube song:

You've got a friend in me.

http://www.youtube.com/watch?v=6iWrIfEgFlQ

The unforgiving servant:

http://www.youtube.com/watch?v=TtabXcm1Ap0

**Nitolbu**

Għinni, O Alla, sabiex inkun ħabib tajjeb u ta' vera, sabiex inkun leali u ta' għajnuna għal sħabi fil-mument tal-bżonn.

